# IL-MEMBRU ONORARJU
# DR. CARMELO CARUANA B.A., LL.D.
## *(1916 - 1992)*

Carmelo Caruana twieled iż-Żurrieq fis-26 ta' Frar 1916 minn Michele u Katarina née Mangion. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Matriċi w Arċipretali ta' Santa Katarina mill-Arċipriet Kuġitur Dun Ġwann Sultana fis-27 ta' Frar 1916, u l-ismijiet li tawh kienu Carmelo, Vinċenz u Ġużeppi.

Mill-M.U.S.E.U.M. u mill-Azzjoni Kattolika huwa ħa l-edukazzjoni reliġjuża tiegħu. Fi tfulitu beda jattendi l-iskola tal-Gvern ta' raħal twelidu, u aktar tard fil-Kulleġġ tal-Frères, fil-Liċeo u fl-Università Rjali ta' Malta. Fl-1940 huwa kiseb il-B.A., u fis-sena 1943 ħa l-lawrja ta' Avukat. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, fl-età ta' 24 sena, ġie magħżul mill-Gvern biex jamministra għal erba' snin (1940-1944) il-popolazzjoni taż–Żurrieq li kienet kibret għal 16,000 ruħ minħabba r-rifuġjati li ġew jistkennu f'dan ir-raħal. Bejn l-1936 u l-1947 huwa kien membru attiv ta' l-Azzjoni Kattolika u għamel xi żmien President taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur San Luiġi Conzaga taż–Żurrieq. Fl-istess żmien (1945-1946) kien maħtur Viċi-President Nazżjonali ta' l-Azzjoni Kattolika. Fis-sena 1947 Dr. Caruana sar Membru Parlamentari u baqa' fil-Kamra tar-Rappreżentanti sa l-1981. Bejn l-1950 u l-1971 huwa okkupa diversi Ministeri għal 13-il sena, u serva wkoll bħala Prim Ministru ad interim. Mill-1944 sa l-1987 kien Membru tal-Kamra ta' l-Avukati. Fis-sena 1948 Dr. Caruana żżewweġ lil Pauline née Zammit u kellhom tifla Mary Fatima.

Għal ħafna snin huwa kien Membru tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina, u fl-1982 sar Membru Onorarju. Ta' min isemmi li sew il-Perit Carmelo Caruana li jiġi nannuh kien is-Segretarju tal-Filarmonica Mannarino 100 sena ilu, kif ukoll ħuh is-Sur Ċensu Caruana kien is-Segretarju tal-Banda Santa Katarina bejn l-1953 u l-1965. Fil-festa ta' Santa Katarina 3 ta' Settembru 1989, waqt li huwa kien Aġent President ta' Malta, saritlu stedina mill-Kumitat tal-Festa bħala l-mistieden ewlieni għall-Quddiesa Pontifikali. Wara, huwa attenda għal riċeviment fis-sala tal-Każin tal-Banda Santa Katarina fejn sar diskors ta' merħba mill-President David Zerafa. L-Avukat Caruana ġie ppreżentat b'kopja tal-ktieb 'Santa Katarina, il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq', u qal kelmtejn ta' ringrazzjament.

Dr. Caruana miet fl-Isptar San Luqa nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 1992 fl-età ta' 75 sena, u l-funeral sar is-Sibt 8 ta' Frar 1992 filgħodu. Mill-Isptar San Luqa twassal sa Triq Dun Ġużepp Zammit minn fejn kompla l-korteo funebri għall-Misraħ Mattia Preti, Triq Pietru Pawl Saydon sal-Knisja Matriċi w Arċipretali

ta' Santa Katarina. Saret Quddiesa Konċelebrata bil-vuċijiet minn 25 Saċerdot, bl-Omelija mill-Arċipriet il-Kan. Michael Agius. Fil-korteo u waqt il-Quddiesa kienu preżenti l-ogħla awtoritajiet ċivili ta' pajjiżna. Fit-tmiem saret id-difna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Il-bnadar ittajru mezz'asta fuq il-Każini kollha taż–Żurrieq.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

**Karmenu Zerafa**
**President Onorarju**



*3 ta' Settembru 1989 - L-Aġent President ta' Malta l-Avukat Carmelo Caruana waqt li kien qed jassisti bħala l-mistieden ewlieni għall-Quddiesa Pontifikali Konċelebrata f'jum il-Festa titulari ta' Santa Katarina.*




*8 ta' Frar 1992 – Il-membri Irġiel u mill-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina li ħadu parti wara l-istendart fil-korteo funebri ta'l-Avukat Carmelo Caruana.*